TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Bernice Farrugia**

**Vs**

R & K Ltd % Triple A

CCT 61/24/CC

Illum 26 ta' Gunju 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrentipprezentata fit-13 ta' Marzu 2024, fejn talbet rifuzjoni ta' l-ammont ta' €319 (tlett mija u dsatax-il ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnha ghal *gaming chair* mixtri minghand is-socjeta intimata f'Dicembru 2023, li inkiser fi zmien xahar.

Ra li s-socjeta intimata R & K Ltd % Triple A debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija fi stat ta' kontumacja.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, deheret biss ir-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' r-rikorrenti tixhed bil-gurament fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2024.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f'Dicembru 2023 ir-rikorrenti xtrat *gaming chair* minghand is-socjeta intimata. Dan il-*gaming chair* inxtara bhala rigal tal-Milied ghal binha. Illi jirrizulta li wara bejn wiehed u iehor xahar dan il-*gaming chair* inqasam mill-bazi tieghu. Illi r-rikorrenti ghamlet diversi tentattivi ta' kuntatt mas-socjeta intimata, liema tentattivi kienu minghajr success. Jirrizulta wkoll li r-rikorrenti sussegwentement sahansitra baghtet emails lis-socjeta intimata, izda s-socjeta intimata ma offriet l-ebda soluzzjoni lir-rikorrenti. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti rrikorriet ghal din il-procedura.

Illi r-rikorrenti ipproduciet fl-atti ta' dawn il-proceduri l-ircevuta tal-hlas, emails mibghuta lis-socjeta intimata u xi ritratti tal-*gaming chair.*

Da parti taghha, is-socjeta intimata tinsab fi stat ta' kontumacja, u fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet hadd ma deher in rapprezentanza tas-socjeta intimata sabiex tiggustifika l-istat ta' kontumacja taghha.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti tixhed bił-gurament fis-seduta tal-25 ta' Gunju u wara li ra d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mir-rikorrenti ghandha timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrenti irnexxielha tipprova l-istanza taghha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €319 (tlett mija u dsatax il-ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnha ghal *gaming chair*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrenti, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €319 (tlett mija u dsatax il-ewro), b'dan li r-rikorrenti ghandha tirritorna l-*gaming chair* lis-socjeta intimata mal-hlas.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru